MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru 369/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Daniela Mercieca**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija kontra 'l hawn fuq imsemmija Daniela Mercieca talli fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru, 2002, fis-sighat bikrin ta' filghodu, f'Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienet qeghda ssuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH 486 ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Joseph Saliba u ta' Lauren Rose Portelli. Il-Qorti giet mitluba, biex f'kaz ta' htija, tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputata ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Lulju 2010 li fil-parti dispozittiva taghha tghid:

"Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara, wara li rat l- Artikolu tal-Ligi 225 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, li issib lill-imputata hatja tal-akkuza. Dwar il-piena il-Qorti ma thossx illi piena ta' prigunerija hija dik idoneja, izda wahda pekunjarja ghandha tkun aktar effettiva, w ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputata thallas multa ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin (LM 500).

Oltre dan tordna s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan ghall-perijodu ta' sentejn millum."

3. Rat ir-rikors ta' appell tal-imputata Daniela Mercieca minnha prezentat fl-10 ta' Awwissu 2010 li permezz tieghu talbet li tigi annullata u/jew mhassra u revokata s-sentenza fuq imsemmija u li l-imputata appellanti tigi liberata mill-akkuza kif dedotta kontra taghha jew alternativament li tigi varjata l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena inflitta.

4. Rat l-atti kollha tal-kawza  u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

5. Il-fatti fil-qosor ta' dan il-kaz kif irrizultaw mill-provi mismugha huma kif gej. Fit-23 ta' Novembru 2002 fis-sieghat bikrin ta' filghodu Joseph Saliba kien qieghed isuq truck Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni DBH 087 fi Triq Xhajma Xewkija, Ghawdex gej mid-direzzjoni tar-Rabat lejn in-Nadur u mieghu kellu bhala passiggiera lil-Lauren Rose Portelli. Fl-istess hin Daniela Mercieca kienet issuq il-karozza taghha Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni ABH 486 mid-direzzjoni opposta tan-Nadur fid-direzzjoni tar-Rabat. F'hin minnhom kien hemm *head on collision* bejn iz-zewg vetturili sehhet lejn nofs it-triq bil-konsegwenza li z-zewg vetturi saru *total loss* u bit-tlett persuni involuti isofru griehi serji. L-imputata Daniela

Mercieca irrizultat fil-periklu tal-mewt, Joseph Saliba intilef minn sensih u sofra griehi serji waqt li Lauren Rose Portelli ghalkemm ukoll mwegga' ma kienetx f'kundizzjoni gravi daqs l-ohrajn.

6. L-aggravji tal-appellanta jistghu jigi sintesizzati kif gej:

A. s-sentenza appellata hija nulla peress li l-ewwel Qorti rriskontrat htija taht l-artikolu 225 tal-Kap. 9 mentri fl-aghar ipotesi, skont l-appellanta, l-htija li *se mai* setghet tinstab kienet taht l-artikolu 226 tal-istess Kap.

B. l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta hadet in kunsiderazzjoni, u strahet ghas-sejbien tal-htija fuq l-opinjonijiet tax-xhud Mario Buttigieg meta ma kienx espert nominat mill-Qorti izda kien gie nominat mis-socjeta' assikuratrici tal-vettura misjuqa minn Joseph Saliba li ghalhekk kienet interessata fl-ezitu tal-proceduri;

C. l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi wkoll meta applikat id-duttirna res ipsa loquitur f'kuntest zbaljat;

D. l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi.

E. il-feriti li sofra Joseph Saliba ma kienux jinkwadraw la fl-artikolu 216 u anqas fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

F. ma kienx hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 30(1) tal-Kodici Kriminali li l-applikazzjoni tieghu wasslet ghal piena eccessiva.

G. ma ttehditx in kunsiderazzjoni n-negligenza kontributorja ta' Joseph Saliba kif allegatament irrizultat mill-provi.

7. Fl-ewwel aggravju taghha l-appellanta issostni li s-sentenza appellata hi nulla ghaliex biha l-ewwel Qorti sabitha hatja ta' l-akkuza fit-termini tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi ghar-reat ta' omicidju involontarju meta l-aktar li setghet taghmel kien li ssib

htija skont l-artikolu 226 tal-istess Kodici li jipprovdi ghar-reat ta' offiza gravi involontarja. Fl-appell ma hux spjegat kif dan l-aggravju jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata peress illi l-fatt wahdu li l-ewwel Qorti setghet *in linea di massima* ssib htija a tenur tal-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali minflok skont l-artikolu 225 tal-istess kodici ma jwassalx ghan-nullita' tas-sentenza izda *se mai* biss ghar-riforma tas-sentenza appellata. Dak li jidher li riedet tghid b'dan l-aggravju l-imputata appellanta hu li l-ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni li saritilha u cioe' ta' <u>offiza gravi</u> involontarja. Ghalhekk l-artikolu 225 citat mill-ewwel Qorti u li jirrigwarda r-reat ta' <u>omicidju</u> involontarju ma kienx l-artikolu li johloq ir-reat li tieghu l-ewwel Qorti sabet htija ghaliex l-artikolu relevanti li kellu jigi citat kien l-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali. Per konsegwenza is-sentenza appellata hi nulla in vista tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-sentenza kontra l-imputat il-Qorti, *inter alia*, ghandha ssemmi l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat. Billi l-uniku artikolu citat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha huwa l-artikolu 225 liema artikolu ma hux dak li jikkontempla r-reat li tieghu l-ewwel Qorti sabet htija isegwi li s-sentenza appellata ma semmietx l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat bi ksur tal-artikolu 382. In-nuqqas li jissemma fis-sentenza appellata l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jgib bhala konsegwenza t-thassir tas-sentenza appellata u d-decizjoni tal-kawza fuq il-mertu minn din il-Qorti kif previst fl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda thassar is-sentenza appellata u ser tghaddi biex tiddecidi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu u tenut kont ta' dan l-ezitu fuq dan l-ewwel aggravju tal-imputata appellanta ma hemmx htiega li din il-Qorti tikkunsidra specifikatament l-aggravji l-ohra tal-appellanta ghalkemm xorta wahda ser izzommhom quddiem ghajnejha bhala sottomissjonijiet relevanti ghad-decizjoni tal-kawza fuq il-mertu, u fuq il-piena, jekk ikun il-kaz, minn din il-Qorti.

8. F'dan l-incident awtomobilistiku jirrizulta li kienu involuti l-imputata Daniela Mercieca li kienet issuq il-karozza taghha Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni ABH 486,

Joseph Saliba li kien qieghed isuq truck Toyota Hilux bin-numru ta’ registrazzjoni DBH 087 u Lauren Rose Portelli li kienet passiggiera ma’ l-imsemmi Joseph Saliba. Minn dawn xehedu Daniela Mercieca u Lauren Rose Portelli. Joseph Saliba ma xehedx ghalkemm kien xhed quddiem il-perit legali Dr. Joseph Grech fejn izda ma ftakar xejn dwar kif sehh l-incident.

9. L-imputata Daniela Mercieca  xhedet li dak inhar tal-incident ghall-habta tat-3.30 kienet sejra x-Xewkija bil-karozza u meta waslet hdejn Ta’ Xhajma fejn hemm il-wita rat zewgt idwal fuq in-naha tal-karreggjata taghha u zewgt idwal fuq il-karreggjata l-ohra u imbghad ma tafx aktar x’gara. Xhedet li z-zewgt idwal li kien hemm fuq in-naha tal-karreggjata taghha baqghu dehlin fil-karozza taghha. Ziedet li l-incident sehh appena daret il-liwja li hemm u li rat id-dawl go wiccha.

10. Minn naha taghha Lauren Rose Portelli xhedet li dakinhar tal-incident  fit-23 ta’ Novembru 2002 kienet riekba ma’ kuginuha Joseph Saliba f’xi hin bil-lejl. Tiftakar li f’xi hin kienu ghaddejin mit-triq Ta’ Xhajma sejrin lejn in-Nadur izda ma setghet tghid xejn kif sehh l-impatt tal-kollizzjoni. Hija weggghet gedduma u haduha l-iptar Malta bil-helicopter.

11. Li jista’ jigi konkjuz minn din ix-xhieda hu biss li z-zewg vetturi li kienu koninvolti f’dan l-incident ftit qabel il-habta kienu misjuqin f’direzzjoni opposta fi triq Ta’ Xhajma Ghawdex fis-sieghat bikrin tat-23 ta’ Novembru 2002 bil-vettura misjuqa minn Joseph Saliba kienet tinsaq fid-direzzjoni tan-Nadur filwaqt li dik ta’ Daniela Mercieca kienet tinsaq fid-direzzjoni tar-Rabat u li f’hin minnhom iz-zewg vetturi habtu *head on*.

12. Fil-kaz, izda, gew ukoll nominati mill-Qorti bhala esperti Joseph Zammit bhala espert tekniku biex jaghmel il-konstatazzjonijiet li wasslu ghall-incident, Dr. Joseph Grech bhala espert legali, Guido Vella bhala arkitett u inginier civili biex jirredigi pjanta tal-lok tal-incident li lkoll pprezentaw ir-relazzjonijiet taghhom.  Gie  nominat ukoll

Max Xuereb bhala fotografu li pprezenta r-ritratti tax-xena tal-incident.

13. L-espert Joseph Zammit, wara li zamm access fuq il-lok tal-incident bil-vetturi fil-post wara l-habta, kkonstata li fil-kurva fit-triq “tax-Xmajma” (recte, ta’ Xhajma) fil-karreggjata li taghti lejn ir-Rabat kien hemm brake marks grassi ta’ tul ta’ 82 pied u 7 pulzieriu u li fil-parti ta’ isfel taghhom lejn ir-Rabat kienu jigbdu fuq in-naha tal-karreggjata l-ohra fuq id-*double lines* fin-nofs. Huwa kkonstata wkoll li fuq dawn il-linji kien jinsab tifrik u hgieg imkisser ta’ zewg vetturi li kienu jinsabu madwar 10 piedi lura minn fejn jispiccaw il-brake marks. Il-karozza Opel ABH 486, li fil-hin tal-incident jirrizulta li kienet misjuqa mill-imputata, kienet tinsab bin-naha ta’ wara taghha mdawwar lejn il-hajt tas-sejjiegh fil-karreggjata li taghti lejn ir-Rabat u kellha hsara estensiva fuq in-naha ta’ quddiem taghha li taghti lejn il-lemin tal-karozza.

14. Fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata bi dritt il-karozza Opel imsemmija kien hemm il-vettura l-ohra involuta u cioe’ van *pick up* tal-marka Toyota Hi-Lux bin-numru DBH-087 li jirrizulta li fil-hin tal-incident kien misjuq minn Joseph Saliba li mieghu kellu passiggiera lil Lauren Rose Portelli. Din il-vettura wkoll kellha hsara ingenti fuq in-naha ta’ quddiem l-aktar lejn il-lemin taghha li kienet tindika li hadet daqqa soda fuq quddiem fuq il-lemin fejn kien hemm ukoll immarkat zebgha bajda simili ghall-kulur tal-karozza Opel fuq imsemmija. Il-Van kien jinsab ihares lejn in-Nadur bil-quddiem tieghu mdawwar lejn il-hajt tas-sejjiegh fuq in-naha tax-xellug thares lejn in-Nadur. Imwahhal got-tifrik ta’ quddiem tat-Toyota kien hemm in-numru ta’ quddiem tal-karozza Opel Astra msemmija.

15. Wara dawn il-konstatazzjonijiet il-perit tekniku ikkonkluda illi l-vettura Opel misjuqa mill-imputata kienet misjuqa fi triq Xhajma ghan-nizla fid-direzzjoni tar-Rabat waqt li t-Toyota ta’ Joseph Saliba kienet misjuqa ghat-tela’ fid-direzzjoni tan-Nadur. X’hin il-vettura Opel waslet fil-kurva gew applikati l-brakes li hallew impronti ta’ 82 pied u 7 pulzieri li kienu jigbdu lejn il-lemin fuq id-double lines fil-karreggata l-ohra fejn kien jinsab tifrik (*spot of impact*) taz-

zewg vetturi involuti. Ikompli jghid li l-istess Opel Astra spiccat bil-warrani taghha jhares fil-hajt tas-sejjieh fuq in-naha tax-xellug u “ir-roti ta’ quddiem kienu jinsabu jaqbzu il-karreggata l-ohra”. Ukoll fil-verbal tal-access (fol.34) hemm registrat illi l-karozza in kwistjoni “tinsab bir-roti ta’ wara mal-bankina u bir-roti ta’ quddiem jirfsu id-double lines f’nofs it-triq bil-quddiem taghha jhares fuq in-naha l-ohra tal-lemin...”.

16. Mir-ritratti esibiti din ic-cirkostanza li semma l-perit tekniku li r-roti ta’ quddiem tal-vettura Opel kienu f’xi hin qed jaqbzu il-karreggata l-ohra jew jirfsu d-double lines ta’ nofs it-triq ma tirrizultax mir-ritratti esibiti.  Zewg ritratti esibiti mil-espert fotografu Max Xuereb (Dok. MX9, MX13) juru l-vettura Opel bin-naha ta’ wara taghha mtella’ fuq dik li tidher speci ta’ bankina (ghalkemm ma hix, ghaliex kull ma hi hija burdura tal-gebel gholi xi kantun li tifred it-triq minn parti fil-gemb tat-triq bil-haxix u fejn hemm imhawwla xi sigar tul it-triq kollha) bil-wara jhares lejn il-hajt tas-sejjiegh fil-karreggjata li minn Nadur taghti ghar-Rabat u bin-naha ta’ quddiem taghha jhares lejn il-hajt tas-sejjiegh tal-faccata u cioe’ dak li jinsab tul il-karreggjata l-ohra li mir-Rabat taghti ghan-Nadur.  In-naha ta’ quddiem tal-karozza u r-roti ta’ quddiem b’ebda mod ma huma jirfsu id-double lines f’nofs it-triq jew jaqbzu l-karreggjata l-ohra. Hemm zewg ritratti ohra li addirittura juru l-vettura m’ghadhiex bin-naha ta’ wara taghha mtella fuq l-ispeci ta’ bankina, ghalkemm il-karozza ghadha tidher thares lejn il-hajt tas-sejjiegh tal-faccata li jinsab fil-karreggjata l-ohra, izda anki hawn, ghalkemmm in-naha ta’ quddiem tal-vettura necessarjament issa resaq aktar vicin lejn id-double lines xorta wahda jidher li ma hux qieghed jirfes id-double lines jew jaqbez il-karreggjata l-ohra (ara ritratti Dok. MX11 u MX12) . Anqas fil-block plan Dok G2 (fol. 78) jew il-pjanta dettaljata tal-post Dok. G3 (fol. 79), liema pjanti gew esibiti mill-perit nominat mill-Qorti Guido Vella, ma juru lill-karozza Opel Astra bir-roti jew bin-naha ta’ quddiem taghha jirfsu id-double lines f’nofs it-triq jew jaqbzu l-karreggjata l-ohra. Anqas il-perit legali Dr. Joseph Grech ma indika xejn dwar din ic-cirkosatanza fir-rapport tieghu kif wiehed kien jistenna kieku r-roti jew in-naha ta’ quddiem tal-vettura Opel Astra kienu jirfsu id-double lines

ta' nofs it-triq jew jaqbzu l-karreggjata l-ohra. Ghalhekk din ic-cirkostanza ma jirrizultax pruvata u din il-Qorti ma hix ser taghti kazha.

17. Minn naha l-ohra lura mill-vettura Toyota pick up ma kienu jinsabu l-ebda impronti ta' brake marks kif anki jidher fil-pjanti Dok G2 u G3.

18. Il-windscreen tal-vettura Opel kien imkisser u l-frak tieghu kien jinsab imxerred fuq iz-zewg karreggjati flmkien ma bicciet ohra taz-zewg vetturi.Il-vettura Opel kellha daqqa soda fuq ir-rota ta' quddiem tal-lemin u bl-istess daqqa ir-rim tkebbeb u t-tyre li kien wiehed tubeless tilef l-arja kawza tat-tkebbib tar-rim. Il-vettura Toyota wkoll kellha hsara estensiva fuq quddiem l-aktar lejn il-lemin li kien ukoll immarkat b'zebgha bajda simili ghall-kulur tal-vettura Opel. Minn dan kollu jirrizulta li z-zewg vetturi kienu habtu ma xulxin b'impatt li kien wiehed head on bejn in-naha tal-lemin tal-vettura Opel u n-naha tal-lemin tal-vettura Toyota.

19. Minn dan kollu l-perit tekniku kkonkluda li z-zewg vetturi msemmija kienu qed jinsaqu fit-triq li minn Nadur taghti ghar-Rabat f'Ghawdex f'direzzjonijiet opposti bil-vettura Opel tinsaq mid-direzzjoni tan-Nadur ghan-nizla lejn ir-Rabat waqt li l-vettura Toyota kienet qed tinsaq mid-direzzjoni tar-Rabat lejn in-Nadur ghat-tela'. Meta l-vettura Opel waslet fin-nizla fil-kurva jidher li gew applikati l-brakes li hallew impronti ta' 82 pied u 7 pulzieri li kienu jigbdu lejn il-lemin fuq id-double lines fil-karreggjata l-ohra fejn hemm kien jinsab tifrik (*spot of impact*) taz-zewg vetturi involuti biz-zewg vetturi spiccaw wara l-impatt kif fuq gia deskritt. Ikkonkluda wkoll li z-zewg vetturi habtu ma' xulxin bil-partijiet ta' quddiem lejn il-lemin taghhom it-tnejn. Mill-ezamijiet teknici li ghamel irrizulta li l-impronti tal-*brakes* li nstabu fit-triq kienu tal-vettura Opel.

Il-perit legali Dr. Joseph Grech ukoll irrileva li kien hemm brake marks u l-marki tat-tyres kienu jigbdu l-ewwel lejn in-naha tax-xellug u cioe lejn il-hajt f'tarf it-triq u imbghad jigbdu lejn il-lemin u cioe' lejn nofs it-triq. Dawn l-impronti jinsabu murija wkoll fil-pjanti Dok. G2 u G3. F'dan ir-

rigward il-perit legali rrimarka li ghalkemm kien hemm probabilita' li dawn il-brake marks x'aktarx kienu saru mill-vettura Opel minhabba li mill-istess triq jghaddi volum konsistenti ta' vetturi ma setghax jigi stabbilit b'certezza jekk dawn il-brake marks kienux effettivament thallew mill-vettura Opel. Il-perit tekniku, izda, dwar dan ma wera ebda ezitazzjoni u, kif gie rilevat, stqarr li mill-ezamijiet teknici li ghamel irrizulta li l-impronti tal-brakes li nstabu fit-triq kienu tal-vettura Opel u din il-Qorti, tenut kont tan-natura teknika tal-hila partikolari tal-perit tekniku, taccetta l-konkluzjoni tal-istess perit anki ghaliex din il-konkluzjoni hi wkoll sorretta mill-kumpless tal-konstatazzjonijiet materjali l-ohra li saru fuq il-post tal-incident.

20. Da parti tieghu il-perit legali ikkonstata wkoll li z-zewg vetturi Opel u Toyota it-tnejn instabu ingranati fuq it-*top gear*.

21. L-espert tekniku ma sab li kien hemm ebda difetti teknici fiz-zewg vetturi li setghu ikkontribwew ghall-incident. Fil-fehma tieghu l-Opel Astra kienet qed tinsaq ghan-nizla bi speed eccessiv u s-sewwieqa taghha tilfet il-kontroll waqt li kienet qieghda tikser fil-kurva ta' qabel fejn sehh l-incident. Huwa kkonkluda li l-vettura Opel Astra baqghet titkaxkar fuq il-brakes ghal distanza ta' 82 pied u 7 pulzieri, gibdet ghal fuq id-double line u qabzet fil-karreggata opposta fejn instab tifrik u trab miz-zewg vetturi mal-habta. Peress li din il-konkluzjoni tal-perit tekniku hi sorretta mill-konstatazzjonijiet materjali li huwa ghamel fuq ix-xena tal-incident li huma ukoll evidenzjati mill-pjanti u mir-ritratti esibiti, u stante li ma ghandhiex raguni ghaliex ghandha tiskarta din il-konkluzjoni tal-perit tekniku liema konkluzjoni, ghalkemm ma torbotx lill-Qorti, ma ghandhiex minnha tigi facilment skartata, din il-Qorti tikkondividi l-istess konkluzjoni u taghmilha taghha.

22. Dwar velocita' il-perit tekniku ikkonkluda mill-provi li rrizultaw fuq ix-xena tal-incident u li huwa ssenjala fir-relazzjoni tieghu (fol. 52 tal-process) li l-vettura Opel Astra kienet qed tinstaq ghan-nizla bi speed eccessiv. Il-perit tekniku ma jispecifikax kemm kienet il-velocita' tal-vettura u anqas jekk din kienetx teccedi l-limitu ta' velocita' skont

il-ligi. Il-Qorti, izda, taqbel mal-perit tekniku li, mill-provi kollha materjali riskontrati fuq ix-xena tal-incident, id-dinamika tal-incident tixhed minghajr dubbju sewqan eccessiv u negligenti da parti tal-vettura Opel mehud in konsiderazzjoni partikolarment il-fatt li din kienet qed tinsaq ghan-nizla u kienet ghada kemm harget minn kurva fit-triq. Li speed eccessiv wahdu ma jissarrafx necessarjament f'responsabilita' ghal kollizjoni izda meta dak li speed eccessiv jirrizulta filli s-sewwieq jitlef il-kontroll tal-vettura b'mod li jispicca biex jaghmel manuvri azzardati ta' emergenza biex jevita s-sinistru u kagun ta' dan joltrepassa l-linja medjana, jidhol fil-karreggjata l-ohra u jahbat ma vettura gejja mid-direzzjoni opposta allura dak li speed eccessiv certament ikun kawza tal-kollizzjoni konsegwenzjali u tal-griehi li jista' jikkawza lil min ikun isuq u/jew lill-passigiera tal-vettura li jahbat maghhom. Fi ftit kliem, f'dawn ic-cirkostanzi jkun hemm in-nexus mehtieg bejn li speed eccessiv u negligenti u l-hsara kagunata u dak li speed ikun il-kawza prossima u immedjata tas-sinistru.

23. In kwantu ghax-xhud Mario Buttigieg din il-Qorti ma hix ser tiehu konjizzjoni tal-opinjonijiet espressi minnu peress li dan ma jirrizultax li kien xi espert nominat mill-Qorti u anzi jirrizulta li kien gie nominat *ex parte* minn u fl-interess tas-socjeta' assiguratrici Gasan Mamo Insurance li taghha kien impjegat u li kellha bhala klient taghha lil Joseph Saliba.

24. Mehud kont tad-dinamika tal-incident li jirrizulta mill-provi materjali fuq ix-xena tal-incident il-kwadru li jemergi hu wiehed ta' *res ipsa loquitur* li jemergi mill-provi akkwiziti u ghalhekk fid-dawl tal-insenjament kostanti tal-qrati taghna f'dawn ic-cirkostanzi hu gravi l-obbligu tal-imputata appellanta li tispjega kif oltrepassat il-linja medjana tat-triq li fiha kienet qed issuq u habtet mal-vettura gejja mid-direzzjoni opposta. F'cirkostanzi bhal dawn il-fatti jitkellmu wahidhom jekk l-imputata ma taghtix spjegazzjoni attendibbli ghalihom.

25. L-ispjegazzjoni li tat l-appellanta tal-incident hi li kienet sejra x-Xewkija bil-karozza u meta waslet hdejn Ta'

Xhajma fejn hemm il-wita rat zewgt idwal fuq in-naha tal-karreggjata taghha u zewgt idwal fuq il-karreggjata l-ohra u imbghad ma tafx aktar x’gara. Ziedet tghid li z-zewgt idwal li kien hemm fuq in-naha tal-karreggjata taghha baqghu dehlin fil-karozza taghha. Issa l-appellanta kienet giet ammessa l-Isptar Generali ta’ Ghawdex f’kundizzjoni li ma kienetx tirreagixxi kemm ghal stimuli ta’ ugiegh kif ukoll ghal stimuli vizivi jew verbali (fol. 11 tal-process) u bil-pupilli ta’ ghajnejha ma jirreagixxux ghad-dawl u kienet fil-periklu li titlef hajjitha. Inoltre l-istess imputata xhedet quddiem il-perit mediku Dr. Andrew Borg li kienet ghamlet sitt gimghat l-ITU u tlett xhur ma setatx titkellem u sahansitra anqas taghraf lill-ommha u lill-missierha. In vista ta’ dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti issibha ferm difficli taghti affidament lill-appellanta li fix-xhieda taghha tiddeskrivi id-dettalji li semmiet fil-mument terrifikanti immedjatament qabel il-habta. Fi kwalunkwe kaz irrizulta minghajr dubbju li l-karozza l-ohra li maghha habtet il-vettura misjuqa mill-appellanta kienet dik ta’ Joseph Saliba. Irrizulta wkoll li biex habtet mal-vettura ta’ Joseph Saliba il-vettura misjuqa mill-appellanta oltrepassat il-linja medjana u spiccat ghalhekk tintralcja l-passagg tal-vettura misjuqa minn Saliba fil-karregjata l-ohra.

26. In kwantu ghall-griehi sofferti minn Joseph Saliba u Lauren Rose Portelli kagun tal-kollizzjoni jirrizulta li Joseph Saliba ddahhal l-Isptar fit-23 ta’ Novembru 2002 u ghalkemm gie licenzjat mill-Isptar fis-16 ta’ Dicembru 2002 fis-17 ta’ Frar 2003 kien ghadu qieghed jattendi bhala *out patient* l-Isptar. It-tabib Dr. Peter Muscat (fol. 144) iddeskriva l-griehi ta’ Joseph Saliba bhala ta’ natura gravi. Il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li l-griehi sofferti minn Joseph Saliba kienu jikkwalifikaw bhala gravi skont l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Dwar in-natura tal-griehi li sofriet Lauren Rose Portelli il-provi huma karenti ghall-ahhar u kull ma jirrizulta hu li weggghet gedduma u ttiehded l-Isptar Malta.

27. Dwar il-piena peress li s-sentenza appellata giet annullata u pprocediet skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ma hix marbuta bis-subartikolu (7) tal-imsemmi artikolu (ara f’dan is-sens fost

ohrajn, Il-Pulizija v Emmanuele Fenech, Vol XI.IV.2302; Il-Pulizija v Marco Hammet u Marco Vella, Appell Kriminali 9/01/1992; Il-Pulizija v Anthony Zahra, Appell Kriminali 26/05/1994.). B'danakollu din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda gusta u ma hux ser taghti piena xort'ohra. Inoltre, din il-Qorti ma taqbel xejn mal-appellant li f'dan il-kaz ma kienx hemm l-estremi li jaghtu lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 30(1) tal-Kap 9 u anqas irriskontrat negligenza kontributorja da parti ta' Joseph Saliba.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputata appellanta Daniela Mercieca hatja talli fit-23 ta' Novembru 2002 fis-sighat bikrin ta' filghodu f'Ghawdex b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienet qeghda ssuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH 486 ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Saliba u wara li rat l-artikoli 216(1)(d), 226(1)(b), 30(1) tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-imputata appellanta ghall-piena ta' multa ta' elf, mija w erbgha w sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u tordna s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-imputata appellanta ghall-perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------